# IT-TIENI SEZZJONI —

# AWLA KUMMERĊJALI

**27 ta' Jannar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., B.Litt;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Evaristo Psaila**

*versus*

**George Spiteri**

Deċiża dwar likwidazzjoni tad-danni b'sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar 1965.

**Soċjetà — Konkorrenza Illeċita — Bwona Fede — Danni — Art. 1036, 1741 u 1757 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 127 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Jekk tnejn minn nies jikkostitwixxu bejn'ethom soċjetà għal skop kummerċjali determinat, huma għandhom l-obligu legali li ma jagħmlux fl-interess tagħhom personali konkorrenza lis-soċjetà ta' bejniethom; u dan avvolja fil-ftehim tas-soċjetà ma tkunx ġiet espressament stipulata ebda restrizzjoni għall-libertà tagħhom li jagħmlu attivitajiet kummerċjali oħra.*

*Għax il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in bwona fede, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu, jew bil-liġi. U jekk dan hu veru għall-kuntratti kollha, huwa speċjalment*

*veru għall-kuntratt tas-soċjetà, li hu kuntratt "bonae fidei" u hu regolat pjuttost m'r-regoli tal-ekwità milli mill-prinċipji rigorużi tad-dritt. Bil-formazzjoni tas-soċjetà, u minn natura stess tal-kuntratt, iż-żewġ partijiet, għalkemm ma tilfux id-dritt li jagħmlu operazzjon'jiet kummerċjali oħra fl-interess u akkont tagħhom personali, irrestrinġew il-libertà u d-dritt tagħhom għar-rigward ta' kull attività dannuża għall-interessi soċjali, u b'mod partikulari inibew lil xulxin minn kwalunkwe kondotta ta' ħsara lis-soċjetà.*

*Kull soċju, mela, għandu l-obligu li jivviġila u jipprovvedi bħal missier tajjeb tal-familja għall-'nteressi tas-soċjetà. u ma jistgħax jissakrifika l-interess soċjali għall-interess tiegħu proprju; u dan l-obligu ta' kull soċju huwa wisq akbar għas-soċju li jkun l-amministratur tas-soċjetà.*

*Il-massima tal-liġi li minn jagħmel użu minn dritt tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara li tiġri bl-użu ta' dak id-dritt hija vera, purkè min jagħmel dak l-użu mid-dritt tiegħu. u jikkaġuna dannu bl-istess użu, ma jkunx illeda xi dritt ta' ħadd ieħor; u jekk is-soċju bl-aġir tiegħu jilledi d-drittijiet tas-soċjetà, u kwindi tas-soċju l-ieħor. hu jonqos mill-obligi tiegħu derivanti mill-kuntratt soċjali, u jkun fi ħtija; u huwa obligat jirr'żarċilu d-danni li s-soċju l-ieħor isofri b'dan l-aġir.*

*Fil-każ preżenti. l-attur u l-konvenut għamlu soċjetà bejniethom għall-oġġett li jeżerċitaw l-aġenzija minnhom ottenuta tal-birra "Simonds-Farsons-Cisk". Il-konvenut in segwitu ikkonkorra flimkien ma' oħrajn, kompriża d-ditta "Simonds-Farsons-Cisk". għall-ottenimment tal-aġenzija tal-Coca-Cola, u rnexxielu jieħu din l-aġenzija. Minħabba dan id-ditta "Simonds-Farsons-Cisk" ħadet lill-konvenut u lill-attur l-aġenzija tal-birra. U b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq imfissra l-Qorti tal-Appell, kuntrarjament għal dak li kienet irriteniet l-Ewwel Qorti, żammet u qatgħet li l-konvenut kien aġ'xxa b'mod illeċitu u dannuż għas-soċjetà li huma kellu mal-attur, u ddikjaratu responsabbli tad-danni li dan l-aġir tiegħu kkaġuna lill-attur.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza preċedenti tagħha tad-9 ta' Novembru 1956 f'din il-kawża, li fiha jinsabu rijassunti

ċ-ċitazzjoni tal-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li tagħha wkoll hemm rijassunt fl-imsemmija sentenza preċedenti ta' din il-Qorti, u li biha ġiet miċħuda l-istanza tal-attur, bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-attur, li biha dan appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ;

Rat il-petizzjoni tal-attur, li biha dan talab ir-revoka ta' dik is-sentenza minnu appellata, u li jiġu milqugħa t-talbiet tiegħu; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Il-fatti prinċipali tal-kawża, kif jidhru mill-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti, jistgħu jiġu r[illegible]kapitolati kif ġej;

Il-konvenut kien aġent għad-distribuzzjoni tal-birra tal-kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. għad-distretti ta' Birkirkara, Santa Venera, Ħamrun, nofs il-Marsa, Pjetà u Msida. Bi skrittura privata tas-6 ta' Lulju 1948 (fol. 115-118), il-konvenut u Evaristo Psailo ftehmu u obligaw ruħhom li jagħmlu soċjetà bejniethom "en nom collectif", għall-iskop tad-distribuzzjoni tal-birra u ta' kwalunkwe ħaġa li tagħti għad-distribuzzjoni l-imsemmija kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. Din is-soċjetà kellha tkun għal għaxar snin mill-ġurnata tal-kuntratt definittiv, rinnovabbli minn għaxar snin għal għaxar snin, salv avviż bil-miktub żmien xahrejn ta' wieħed mis-soċi lill-ieħor. L-amministratur tas-soċjetà kellu jkun il-konvenut. Ġie miftiehem wkoll illi fl-istess ġurnata li fiha jsir il-kuntratt definittiv tas-soċjetà, il-konvenut kellu jbiegħ lill-istess Evaristo Psaila, li obliga ruħu li jixtri, in-nofs indiviż tal-avvjament, u ta' żewġ trucks u għodod oħra inservjenti għan-negozju tal-istess aġenzija, bil-prezz komplessiv ta'

£5800, li minnhom £2000 kellhom jitħallsu mal-publikazzjoni tal-att tas-soċjetà, u l-bilanċ ta' £3800 fi żmien ħames snin, bl-imgħax tat-3% fis-sena;

Dan il-ftehim kien suġġett għall-kondizzjoni illi ma kellux iseħħ ħlief biss jekk il-"Board of Directors" tal-kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. japprova li ssir dik is-soċjetà;

B'ittra tagħhom tat-23 ta' Lulju 1948 (fol. 11), il-kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. infurmaw lill-konvenut illi huma ma kellhom ebda oġġezzjoni li ssir il-proposta soċjetà; biss żiedu jgħidu illi l-aġenziji għall-birra tagħhom ma kienux mogħtija għal ebda żmien determinat, u li huma kienu liberi li jneħħu aġent jew aġenti-in-soċjetà f'kull żmien li jidhrilhom fl-interess tal-kumpannija;

In vista' ta' din l-ittra, il-konvenut u l-imsemmi Evaristo Psaila, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tal-istess ġurnata, 23 ta' Lulju 1948 (fol. 5), ikkostitwew definittivament soċjetà kummerċjali bejniethom "en nom collectif", taħt ir-raġuni soċjali "Spiteri & Psaila", għall-oġġett li kien miftiehem kif ġa ntqal, bil-pattijiet miġjuba fl-istess kuntratt, fosthom dak ġa msemmi illi l-konvenut ikun l-amministratur tas-soċjetà, u li din tibqa' għal għaxar snin, rinnovabbli minn għaxar snin għal għaxar snin oħra fin-nuqqas ta' diżdetta;

F'din is-soċjetà, Evaristo Psaila kkonferixxa l-attività tiegħu kollha għall-ben esseri tas-soċjetà taħt id-direzzjoni tal-konvenut, u dan ikkonferixxa l-aġenzija tal-imsemmija kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. Għarrigward, però, ta' dan il-konferiment li jidher magħmul mill-konvenut, għandu jingħad illi dak inhar stess tal-kuntratt il-konvenut kien biegħ lil Evaristo Psaila, kif kien miftiehem qabel bl-iskrittura privata fuq imsemmija, in-nofs indiviż tal-avvjament ta' dik l-aġenzija, flimkien ma' nofs indiviż ta' żewġ trucks u għodod oħra tan-negozju, bil-prezz ta' £5800, li minnhom £2000 tħallsu dak inhar stess, u £3800 ġew kostitwiti dejn favur il-konvenut b'kuntratt ieħor fl-atti tal-istess Nutar Victor Bisazza tal-istess ġur-

nata (fol. 87). U fil-fatt, parti minn dan il-bilanċ tħallas lill-konvenut, u l-bqija, flimkien mal-imgħax, ġie, fuq interpellazzjoni tal-istess konvenut, għall-ħlas, depożitat favur tiegħu b'ċedola tat-13 ta' Awissu 1953 (fol. 90);

Is-soċjetà "Spiteri & Psaila" bdiet mill-ewwel ta' Awissu 1948 topera l-aġenzija tal-kumpannija Simonds-Farsons-Cisk-Ltd., li, kif intqal, għal nofs indiviż tal-avvjament tagħha s-soċju Evaristo Psaila kien ħallas il-parti l-kbira mill-imsemmija somma ta' £5800;

Fis-6 ta' April 1949, il-Kumpannija fuq imsemmija bagħtet ittra-ċirkulari lill-aġenti tagħha kollha, fosthom is-soċjetà tal-kontendenti (fol. 13), fejn qaltilhom illi d-diretturi kienu bi ħsiebhom jagħmlu rijorganiżżazzjoni tal-aġenziji kollha tad-distretti, li kienet timporta reviżjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom jingħataw dawn l-aġenziji. Iċ-ċirkulari kompliet tgħid li waħda mill-kondizzjonijiet li kienu sejrin jiġi stipulati kienet sejra tkun dik illi l-aġenti, fil-futur, "will not be permitted to trade, either directly or indirectly, in the capacity of manufacturers or distributors for any commodity which is in our line of business or allied to it, for example, beer, wines, spirit, mineral waters, etc." Għalhekk, biex id-diretturi setgħu jkunu f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjoni jekk kull wieħed mill-aġenti "will be eligible to continue to be one of the Company's agents", iċ-ċirkulari talbet biex kull wieħed jinforma lill-Kumpanija bil-miktub jekk, barra l-attività ta' aġent tagħha, hu kellux jew kienx bi ħsiebu jkollu xi attività kummerċjali oħra kif fuq imsemmija, u, fil-każ, biex jagħti dettalji;

Fid-19 ta' April 1949, il-konvenut, għan-nom tas-soċjetà "Spiteri & Psaila", irrisponda li huwa ma kienx "connected or contemplating any trading activity as outlined" fiċ-ċirkulari fuq imsemmija;

Ir-rijorganizzazzjoni kontemplata mid-diretturi tal-kumpannija Simonds-Farsons-Cisks Ltd. fil-fatt ma saretx. Ċjoè non ostante, iċ-ċirkulari kienet indubbjament turi illi

d-diretturi tal-kumpannija kienu pre-okkupati dwar l-attivitajiet kummerċjali f'linji almenu simili għal dawk tan-negozju tagħhom li kienu jagħmlu, jew setgħu l-quddiem jagħmlu, l-aġenti tagħhom, u r-riskju li kien hemm jekk isiru dawk l-attivitajiet għall-irtir tal-aġenzija;

Fl-1948, il-Kumpannija fuq imsemmija bdiet trattattivi mad-ditta ta' barra biex tieħu l-liċenza jew aġenzija tal-"Coca Cola" f'Malta. Skond kif xehed l-Inġinier Farrugia, din id-ditta kienet ġà tat din l-aġenzija lill-Kumpanija tiegħu, u wegħedet li sejra tibgħat il-formuli neċessarji. Iżda, billi għadda żmien u ma sar xejn aktar, il-Kumpannija nfurmat lid-ditta ta' barra li ser jibdew jagħmlu l-minerali huma stess. In segwitu, fl-1950, ġie hawn Malta ċertu Robson biex jittratta magħhom; infatti, kif jgħid l-Inġinier Farrugia, kienu huma li laqgħuh u ffissawlu kollox;

Iżda ġara li, biex jieħu l-aġenzija tal-"Coca Cola", applika l-konvenut ukoll; u infatti kien hu li ħadha. Il-konvenut qal fix-xhieda tiegħu li, skond ma nfurmah Robson, kien hemm 62 applikanti minn Malta. Il-konvenut żied jistqarr (fol. 46 wara) li hu kien jaf li l-kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. kienet ukoll applikat, u kienet qegħdha tagħmel korrispondenza ma' Robson. Hu jgħid li dan sar jafu wara li għamel l-applikazzjoni tiegħu; iżda qabel ma ottjena dik l-aġenzija. Jgħid ukoll il-konvenut illi, meta hu applika għall-aġenzija tal-"Coca Cola", il-kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd. kienu jafu b'din l-applikazzjoni u ma għamlulu ebda "warning". Din l-aħħar stqarrija tal-konvenut hija kontraddetta mix-xhieda tal-Inġinier Farrugia. Infatti, dan xehed illi, meta nduna li, waqt li l-Kumpannija tiegħu kienet f'kuntatt ma' Robson biex tottjeni l-aġenzija tal-"Coca Cola", il-konvenut "daħal fin-nofs u pprova jeħodha hu", l-Inġinier Farrugia deherlu li b'hekk il-konvenut ma kienx qiegħed jimxi lealment mal-Kumpannija li tagħha hu kien aġent distributur. Għalhekk hu bagħat għall-konvenut, urieħ l-ittra li kien kiteb, li ma kellux u anqas kien ser ikollu nteress għa" ispaċċ ta' oġġetti simili għal dawk li kienet tiddistribwixxi l-Kumpanija; u l-konvenut "ma rrisponda xejn" (fol. 35 wara);

Intant, sakemm it-trattativi għall-otteniment tal-aġenzija tal-"Coca Cola" kienu għadhom sejrin, id-diretturi ta' Simonds-Farsons-Cisk Ltd. ma ħadu ebda passi oħra fil-konfront tal-konvenut. Però, meta raw li l-aġenzija ħadha, u li l-istess nies li qabel kienu l-"canvassers" għall-ispaċċ tal-birra tagħhom saru "canvassers" għall-ispaċċ tal-"Coca Cola", allura deħrilhom li kien wasal iż-żmien li jneħħulu l-aġenzija tagħhom, billi ħassew li hu kien jagħmlilhom konkorrenza (ibid.);

Infatti, fiż-17 ta' Mejju 1952, l-Inġinier Farrugia għannom tal-Kumpannija kiteb lis-soċjetà "Spiteri & Psaila" l-ittra fol. 14, li biha nfurmahom illi fl-aħħar ta' dak ix-xahar id-distribuzzjoni tal-birra fid-distretti tal-Ħamrun, Birkirkara, Msida, Pjetà, u parti mill-Marsa, kienu serjin jeħduha f'idejhom id-diretturi tal-Kumpannija direttament;

Għad illi f'din l-ittra jingħad illi l-pass kien ittieħed minħabba li d-diretturi "are now revising working arrangements in certain areas", jidher aċċertat mill-provi illi l-vera raġuni kienet dik imsemmija fix-xhieda tal-Inġinier Farrugia, ċjoè illi l-konvenut kien fixkel il-Kumpannija fl-otteniment tal-aġenzija tal-"Coca Cola" biex jeħodha hu nnifsu, u b'hekk ma kienx mexa lealment mal-Kumpannija, u beda anzi jagħmlilha konkorrenza. Għad illi l-Kumpannija ma kienetx tispaċċja "colas", id-diretturi deħrilhom illi l-"colas" kienu "alied line" mal-birra;

Li din kienet l-unika u vera raġuni għat-telfien da parti tas-soċjetà "Spiteri & Psaila" tal-aġenzija tal-prodotti ta' Simonds-Farsons-Cisk Ltd., jirriżulta wkoll mid-depożizzjoni ta' Evaristo Psaila. Dan qal illi, meta rċieva l-ittra fuq imsemmija taż-17 ta' Mejju 1952, hu mar ikellem lill-Inġinier Farrugia, u fost affarijiet oħra qallu li, "reading between the lines", ir-raġuni li għaliha l-Kumpannija kienet neħħietilhom l-aġenzija kienet dik li l-konvenut beda jipproduċi l-"Coca Cola". L-Inġinier Farrugia ikkonferma illi dik kienet preċiżament ir-raġuni (fol. 28 wara). Hu żied jgħid lil Evaristo Psaila, skond kif xehed dan, illi l-aġenziji ta' Simonds-Farsons-Cisk Ltd. qatt ma jitneħħew, u ma jingħatawx għal ftit ġranet jew snin; in-

fatti ġie li ta l-każ illi jmut aġent u l-aġenzija tibqa' f'idejn uliedu;

Ikkunsidrat;

Dawn huma l-fatti li fuqhom l-åttur jibbaża l-azzjoni tiegħu. Hu jsostni illi l-kondotta tal-konvenut tikkostitwixxi illeċitu doluż, jew almenu kolpuż, li kkaġuna danni lis-soċjetà tal-kontendenti, u kwindi lill-attur; li tagħhom għandu jirrispondi;

Il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha ċaħdet din il-pretiża tal-attur. Hija rriteniet, l-ewwelnett, illi l-konvenut, meta applika għall-aġenzija tal-"Coca Cola", u fil-fatt ħadha, ma kienx b'daqshekk qiegħed jagħmel ebda konkorrenza lis-soċjetà "Spiteri & Psaila" b'kontravvenzjoni għall-obligi tiegħu bħala soċju, għaliex il-"Coca Cola" ma kienetx artikolu ta' konkorrenza għal dawk li kienet allura tagħti għad-distribuzzjoni l-Kumpannija Simonds-Farsons-Cisk Ltd.;

A propożitu ta' dan, però, din il-Qorti ma ssibx li kienet irraġjonevjoli l-veduta li ħadu d-diretturi ta' Simonds-Farsons-Cisk Ltd. illi l-"colas" kienu "allied line" mal-prodotti tagħhom. Anki jekk huwa veru, kif irriżulta mill-provi, illi kien hemm aġenti oħra tal-kumpannija li kienu jispaċċaw anki merċi bħal dawk imsemmijin fiċ-ċirkulari tal-Kumpannija tas-6 ta' April 1949 u ċjò non ostante l-aġenziji tagħhom ma ġewx imneħħija, dan ma jfisserx illi dawk id-diretturi ma setgħux jippreokkupaw ruħhom; tant għaliex dawk l-aġenti ma kienux mill-aġenti l-kbar, kif xehed l-Inġinier Farrugia, mentri l-konvenut, jew aħjar is-Soċjetà "Spiteri & Psaila" kienet, kemm ukoll għaliex l-introduzzjoni fis-suq ta' Malta "on a big scale" ta' prodott ġdid ta' isem ġa magħruf ma setgħetx, ftit jew wisq, ma tolqotx l-ispaċċ tal-prodotti tagħhom u oħrajn li anki dak iż-żmien kienu qegħdin jaħsbu biex jimmanifutturaw;

Din il-konkorrenza, li kien beda jew kien ser jibda jagħmel il-konvenut lill-kumpannija "Simonds-Farsons-Cisk Ltd. bid-dħul fis-suq u l-bejgħ tal-"Coca Cola", kienet f'għajnejn l-imsemmija Kumpannija tidher aktar kergħa

minħabba l-mod li bih il-konvenut kien ikkompeta proprju magħha għall-otteniment tal-aġenzija ta' dik il-bevanda, u l-mod li bih, kif qal l-Inġinier Farrugia, beda juża bħala "canvassers" għall-bejgħ tal-Coca Cola dawk il-persuni li qabel kienu "canvassers" għall-birra ta' dik il-Kumpannija, li kienet tifforma l-oġġett tal-aġenzija li kellha minn għand il-Kumpannija s-soċjetà "Spiteri & Psaila";

Tikkunsidra;

Illi, stabbilit, kif ġie mill-provi, illi dawn kienu r-raġunijiet tat-tneħħija tal-aġenzija tas-soċjetà tal-kontendenti da parti tal-Kumpannija fuq imsemmija, tiġi l-kwistjoni, li hija l-qofol ta' din il-kawża, jekk il-konvenut, fil-konfront tas-soċju l-ieħor, kellux xi obligu legali li jastjeni ruħu milli jagħmel dak li għamel, bil-mod u bil-konsegwenzi fuq imsemmija; għaliex, jekk hu ma kellux ebda obligu simili, allura naturalment ma jistax ikun responsabbli ta' danni versu l-attur. Fi kliem ieħor, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk il-konvenut kellux dritt, vis-a-vis l-attur, li jagħmel dak li għamel; jekk hu kellu dan id-dritt, u għamel użu minnu fil-qies xieraq, hu mhux tenut għad-danni li seta' bata l-attur;

L-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-konvenut kellu dan id-dritt. Din il-Qorti pponderat fit-tul fuq dan il-pont, u tħoss, bir-rispett kollu, li ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti;

Huwa veru illi, fil-kuntratt tas-soċjetà "Spiteri & Psaila" ma ġietx espressament stipulata ebda restrizzjoni għall-libertà tal-konvenut li jagħmel attivitajiet kummerċjali oħra. Iżda — tgħidu l-liġi fl-art. 1036 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 Ediz. Riv.) — il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti "in buona fede", u obligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu, jew bil-liġi. Jekk dan hu veru għall-kuntratti kollha, huwa speċjalment veru għall-kuntratt ta' soċjetà, "che è particolarmente del novero di quei contratti dai giureconsulti romani chiamati 'bonae fidei', per indicare che sono retti piuttosto dalle regole dell'equità che dai ri-

gorosi prinċipi del diritto" (Duranton, Diritto Civile, Vol. IX, para. 398);

Bil-formazzjoni tas-soċjetà ma' Evaristo Psaila, u minn natura stess tal-kuntratt, il-konvenut, għad li ma tilefx id-dritt li jagħmel operazzjonijiet kummerċjali oħra 'per conto proprio', irrestrinġa l-libertà u d-dritt tiegħu għar-rigward ta' kull attività li kienet dannuża għall-interessi soċjali, u b'mod partikulari inibixxa lilu nnifsu minn kwalunkwe kondotta li tagħmel ħsara lis-soċjetà. Jgħid il-Vidari (Corso di Diritto Commerciale, Vol. I, p. 649, para. 914):— "Non occorre essere giurista per intendere che ogni società, massima se commerciale, determinando una comunanza di interessi, fa sorgere anche un diritto di fratellanza quasi tra i membri suoi; i quali devono tutti cospirare al vantaggio comune, così facendo quello che può giovare alla società come astenendossi da quello che la può danneggiare". Aktar il-quddiem, (para. 950), l-istess awtur jgħid:— "Inoltre ancora, ogni socio deve comportarsi in modo che l'interesse suo personale non abbia a soverchiare mai l'interesse collettivo della società, sicchè quello non possa mai essere giovato senza danno di questo. In caso di conflitto l'interesse sociale deve prevalere all'interesse individuale";

Dan jidher li hu prinċipju universalment magħruf. Infatti, l-istess ħaġa nsibu riportata fid-Dalloz (1850, 2129):— "Non soltanto il socio non può fare nulla contro l'interesse sociale, ma egli deve anteporre questo interesse al suo particolare". U Baudry Lacantinerie (Vol. XXIII, p. 130, para. 195) jgħid:— "Ogni socio ha l'obbligo di vigilare e provvedere da buon padre di famiglia agli interessi della società. Non può dunque sacrificare l'interesse sociale al proprio interesse". Il-Pothier ukoll jafferma l-obligazzjoni li għandhom is-soċi li jippreferixxu l-interess tas-soċjetà għal dak proprju (n. 122);

Jekk dan hu l-obligu ta' kull soċju, wisq aktar hu obligu tas-soċju amministratur, kif kien il-konvenut;

Issa, fil-każ preżenti ġara preċiżament dan il-konflitt ta' interessi, u l-konvenut ippreferixxa l-interess tiegħu

waħdu waqt li ssakrifika għal kollox dak tas-soċjetà. Anqas minn erbgħa snin qabel, hu kien irċieva minn għand Evaristo Psaila somma konsiderevoli—probabilment ta' fuq £3000 — għal nofs indiviż tal-aġenzija ta' Simonds-Farsons-Cisk Ltd., u ntrabat f'soċjetà miegħu biex topera din l-aġenzija, li kellha ddum għall-anqas għaxar snin. L-obligu soċjali kien irid illi l-konvenut ma jagħmel xejn li jipperikola l-oġġett u l-istess eżistenza ta' dik is-soċjetà. Intant, fl-interess tiegħu proprju, huwa ndaħal biex jieħu, u fil-fatt ħa, l-aġenzija tal-"Coca Cola", u daħħal fis-suq dak il-prodott, li, kif intqal, seta' raġjonevolment jitqies bħala oġġett ta' konkorrenza għall-prodotti ta' Simonds-Farsons Cisk Ltd., meta kien jaf, jew messu raġjonevolment jippreveda, illi, għar-raġunijiet imsemmijin qabel, kien b'hekk ser jikkaġuna lis-soċjetà t-telf tal-aġenzija ta' Simonds-Farsons-Cisk Ltd., li kienet l-oġġett uniku tas-soċjetà. Ġie stabbilit illi, kieku ma kienx għal dan l-aġir tal-konvenut, dik l-aġenzija ma kienetx tiġi mneħħija u kienet tibqa' sseħħ. Il-miżura meħuda minn Simonds-Farsons-Cick Ltd. ma kienetx, fiċ-ċirkustanzi, inaspettata;

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ma tħossx li l-konvenut kellu d-dritt jaġixxi kif aġixxa. Il-massima tal-liġi illi min jagħmel użu minn dritt tiegħu fil-qies li jmiss ma jwieġebx għall-ħsara li tiġri hija vera, "purchè", kif jgħid il-Laurent, "colui il quale cagiona un danno usando di un diritto non leda il diritto degli altri" (Principi, Vol. XX, para. 409). Fil-każ preżenti, il-konvenut illeda bl-aġir tiegħu d-drittijiet tas-soċjetà, u kwindi tal-attur, u naqas mill-obligi tiegħu derivanti mill-kuntratt soċjali, u kien għalhekk "fi ħtija";

Skond il-prinċipji ġenerali tal-obligazzjonijiet, u partikolarment skond l-art. 1757 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 Ed. Riv.), li bis-saħħa tal-art. 1741 tal-istess Kodiċi u tal-art. 127 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 17 Ed. Riv.) jgħodd ukoll għas-soċjetajiet kummerċjali, kull soċju hu obligat lejn is-soċjetà għal kull ħsara li jqun ikkaġuna lis-soċjetà bi ħtija tiegħu;

Għaldaqstant, din il-Qorti tipprovdi fuq l-appell billi;

Tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Reġina fid-9 ta' Novembru 1956, u minflok tilqa' l-ewwel żewġ domandi kontenuti fiċ-ċitazzjoni tal-attur, billi tiddikjara illi l-aġenzija tas-soċjetà "Spiteri & Psaila" ntilfet minħabba ħtija tal-konvenut, u li għalhekk il-konvenut huwa responsabbli lejn l-attur tad-danni li sofra in konsegwenza tal-ħtija tal-konvenut għad-detriment tal-istess soċjetà. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut;

U bis-saħħa tal-art. 231(1) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 Ediz. Riv.) tirrinvija l-attijiet tal-kawża lill-Ewwel Qorti għall-likwidazzjoni tad-danni u d-domandi l-oħra taċ-ċitazzjoni.